**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**16 ta' Lulju 2024**

**Rikors Numru 124/2022**

**Salah Rajab Bashir Elbourawi**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Salah Rajab Bashir Elbourawi** ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab *ad litteram* is-segwenti:

*A. FATTI FIL - QOSOR*

*1. Illi l- Appellanti SALAH RAJAB BASHIR ELBOURAWI ilu Malta ghal madwar 34 sena, jitkellem u jifhem sewwa bil - Malti, jahdem bhala Sewwieq ta` vetturi kbar , huwa ragel serjissimu, mizzewweg darbtejn, u kellu hames titfal, li tnejn minnhom mietu zghar. Bhalissa huwa qieghed fi proceduri ta` firda legali mat - tieni mara li fethitlu l - proceduri legali l - Qorti ghax marret tikkoabita ma` ragel iehor u kienet strumentali ghall-kawzi ohra billi trid assolutament tehles mill - Appellanti zewgha a kwalunkwe kost : dana huwa rilevantissimu billi hemm suspetti fondatissimi li hemm ferm iktar milli jidher f`dana l - kaz. Ghalhekk f`isem is- sewwa u l-haqq, bl - ghajnuna ta` Alla li huwa l - Akbar, l-Appellanti sejjer jissielet dana l - abbuz u ngustizzja li huma tant ovvji f`dana l - kaz.*

*2. Illi bhal sajjetta fil - bnazzi u lehha ta` berqa, l - Appellanti ( li jahdem mal - ENEMED bhala sewwieq ta` Bowsers kbar u impjegat ferm rispettat u mahbub fuq il-post tax - xoghol ibbazat f` Hal Saptan - limiti ta` Birzebbugia ) , b`fedina penali nadifa [ KULL MIN HU BLA HTIJA , JITFA` L - EWWEL*

*GEBLA !! ] , ircieva ittra nterpellatorja , datata 31 ta` Ottubru, 2022, minghand it - Transport Malta , Referenza ID 590312 L, iffirmata minn Brian M. Farrugia li jikteb li huwa Direttur Regulatory Unit - Direttorat ghat - Trasport fuq l - Art , liema Ittra tikser vjolentament il - principji kollha tal - Gustizzja Naturali li fuqhom hija msejsa l - Ordinament Guridiku taghna. Kopja ta` dina l -Ittra qedha hawn tigi mehmuza, bhala Dokument SALAH 1.*

*3. F`dina l - Ittra legalment inaccettabili , allegatament rigward xi Applikazzjoni ghal tigdid ta` permess ta` xufir ( DP - A14 ), meta l - Appellanti ghandu l-Licenzji approvati sas - sena 2027 u qatt fi snin ta` hidma bhala xufir ma kien hemm ebda forma ta` ilmenti dwar l - imgieba, il - kondotta , il - kortesija jew is-sewqan tal - Appellanti, it - Transport Malta ( apparentament ` Weak with the Strong and Bully with the Weak ` ) , tgharraf arrogantament lill - Appellanti Elbourawi illi l - allegata applikazzjoni tieghu ` ghal tigdied ta` permess ta` xufir { tag } ` , `` l - Awtorita` behsieba tirrifjuta l - applikazzjoni tieghek minhabba r - ragunijiet segwenti `` !!*

*4. Illi dana biss diga` jghamel l - ittra nterpellatorja tal - Appellata Awtorita` nulla u invalida billi a priori diga` `` ikkundannat `` lill - Appellanti minghajr ma qabel bghatet ghalih u stharget il - verzjoni tieghu jew gharfitu bil - fatti u bl - akkuza u tatu dritt li jwiegeb [ right of reply ] ghal dawna l - fatti jew l-akkuza , kienu x` kienu : dana jikser vjolentament il - principju fundamentalissimu fl - Ordni Guridiku taghha tal - AUDI ALTERAM PARTEM u cioe` li kull naha iried ikollha d-dritt li tinstema` u tati l- verzjoni taghha tal - fatti. Dana l - Principju fundamentali ma giex osservat, allura xejn li kien diga` deciz ( kif jidher prima facie huwa l - kaz odjern ) jew kien se jigi deciz ma` jista` qatt legalment ikun validu minhabba , kif jirrizulta manifestament, il - ksur u non - osservanza tal - principju fundamentalissimu biex issier kull forma ta` gustizzja transparenti f`dana l - kaz abbuziv, fejn l - Appellanti qed jitlob li ssir investigazzjoni dwar ezatt x`wassal ghall - Ittra interpellatorja su riferita jew min ezatt kien ``mohbi`` warajha!!*

*5. Illi principju legalment u logikament fundamentalissimu iehor li gie miksur , bi vjolazzjoni tal - Kostituzzjoni tar - Reppublika ta` Malta ( il - Ligi Suprema nostrana ) u tal - Kapitlu 319 tal - Ligijiet ta` Malta [ Konvenzjoni Ewropeja ghad - Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal - Individwu ] huwa dak ben mgharuf li l - Gustizzja mhux biss trid issir, IMMA tidher li qedha ssir . Dana zgur ma sehhx f`dana l - kaz abbuziv, kif huwa evidenti li dana huwa l - kaz !!*

*6. Mhux biss ma sejhulux lill - Appellanti biex ifissrulu x` qed jigri jew jitolbuh jghati spjegazzjoni, izda qabdu ghall-ebda raguni logika u / jew legalment u fattwalment li tghamel sens jew li hija gustifikabbili , u tawh id-decizjoni taghhom, li kienet dak li hemm indikat fit - tieni sentenza, tal - ewwel paragrafu tal - komunikat datat 31 ta` Ottubru, 2022.*

*7. It - tieni paragrafu fl - istess komunikat li l - Appellanti rcieva nhar is - Sibt, 5 ta` Novembru, 2022, jghamel is - sitwazzjoni ta` ingustizzja flagrantament ghar, ghax saret riferenza ghal sentenza li nghatat fil-konfront tal - Appellanti fit - 30 ta` Settembru, 2002, igifieri ghoxrin sena u fuqhom qabel, minghajr ma jghidu x` kienet dina s-sentenza ta` ghoxrin sena u fuqhom qabel, u meta Brian M. Farrugia zgur ma kienx hemm: allura tajjeb li dana Brian M. Farrugia jfissrilna min gelu u ghalxiex biex jikteb dina l - ittra , jekk dejjem kitibha huwa !! GHOXRIN SENA U FUQHOM qabel, tant li anke l - Appellanti kien nesa` , apparti mill-fatt li ma kienitx xejn serja: certament li ma tiggustifikax l - objettiv malin tal - komunikazzjoni tal - 31 ta` Ottubru, 2022!*

*8. L - ahhar paragrafu tal - komunikazzjoni tal - 31 ta` Ottubru, 2022, huwa farsa, billi attaparsi biex ikunu gusti, taw zmien lill - Appellanti biex iwiegeb f`ghaxar tijiem, li l- Appellanti ghamel fuq parir legali, minkejja l - fatt li Transport Malta apertament kienet diga` iddikjarat li ma kienitx se tilqa` l - allegata Applikazzjoni tal - Appellanti li qed isostni illi huwa ma kienx ghamel ebda applikazzjoni billi diga` kellu l- licenzji kollha mehtiega: dana kaz illi l - Appellanti jitlob lill - Awtoritajiet biex jghamlu investigazzjoni dwaru ghax jinten bir - retro xena li jidher li hemm fih !! Qedha tigi mehmuza bhala Dokument SALAH 2 it - twegiba rregistrata li ntbghatet f`isem l - Appellanti fuq struzzjonijiet tal - istess Appellanti, u li Brian M. Farrugia rcieva nhar l - 14 ta` Novembru, 2022 .*

*9. Illi sussegwentament , l - Appellanti rcieva komunikat mill - Avukat Dottor Chris Cilia, fuq Letter Head tal - istess Avukat u mghamula mill - istess Avukat, igifieri xejn li jghati hjiel li dina kienet gejja mill - Awtorita` ghat - Trasport f` Malta, kif bla dubju kellu jkun il - kaz, datata 15 ta` Novembru, 2022, li waslet ghand l - Appellanti nhar l - Erbgha, 23 ta` Novembru, 2022, b` posta rregistrata, fid - 9.30 ta` filghodu, u li jigi ghalhekk li l - Appellanti kellu sal - Gimgha, 23 ta` Dicembru, 2022, biex jinterponi dana l - Appell quddiem dana t - TRIBUNAL kif indikat, kif in effetto qieghed jghamel fil - jum tat - Tnejn, 19 ta` Dicembru, 2022, fid - 9 ta` filghodu, fir - Registru tat - Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva.*

*10. Illi fil - komunikat tal - Avukat Cilia ghan - nom tal - Appellat Awtorita` ghat - Trasport f` Malta, li kopja ta` dana l - komunikat qedha hawn tigi mehmuza bhala Dokument SALAH 3, issir referenza ghat - tielet paragrafu fejn l - Awtorita` Appellata semplicement ikkonfermat decizjoni li diga` kienet hadet a priori kif fuq imfisser, minghajr ma gew segwiti l - proceduri bazici fil - ligi skond ir - Rule of Law ippratikata f`pajjizi civilizzati u democratici, u in vece gew applikati r-regolamenti ta` Kangaroo Court b`decizjoni tittiehed unilateralment, b`sembjanza biss ta` `` fair hearing`` u fuq ragunijiet li ma humix accettabili skont il - ligijiet ta` pajjizna.*

*11. Ir - raguni unika li nghatat fir - rabgha paragrafu tal - kommunikazzjoni rregistrata tal - Avukat Cilia apparentament f`isem l- Appellata Awtorita` {*

*Dokument SALAH 3 hawn mehmuz } hija ghal kollox legalment irrizorja billi tirreferi ghal xi sentenza mghotija fit - 30 ta` Settembru, 2002, u cioe` iktar minn ghoxrin sena qabel, u l - Awtorita` tridna niehduha bis - serjeta` meta hawn qedghin nitkellmu fuq `` joint `` tal - cannabis biss, u li llum u meta nkitbet dina l - ittra f`pajjizna dina hija legali !! Dana jindika il - malin ta` dina l - kommunikazzjoni, il - mala fede fiha, u ghala ghandha ssir investigazzjoni ta` x`hemm mohbi wara dina l -ittra, u min kien ezatt risponsabbili ghaliha w dwar l -objettivi taghha: jekk hemm htiega, ghandha tidahhal il - Pulizija w tigi mgharfa il- Medja b`dana l - kaz abbuziv.*

*12. Il - paragrafi hamsa u sitta huma l - krema tal - ipokrezija f`dana l-komunikat fid - Dokument SALAH 3 hawn mehmuz billi jriedu jghatu l - impressjoni li kollox qed isier skond il - ligi, meta in effetto l - Ligi qed tigi abbuzata bil - kbir meta ssir referenza ghal bicca joint biss, fuq sentenza ta` iktar minn ghoxrin sena ilu, fuq xi haga li llum hija legali f`pajjizna, u meta l - Appellanti ilu Malta ghal iktar minn 33 sena u ilu nel frattempt jahdem bhala Driver tal- Bowsers bil - Fuel tal - Enemed ghal snin shah : ipokrezija u vendikazzjoni in estremis instigata minn min ghandu interess illi jghamel hsara lill - Appellanti. Is - suspetti huma cara minn jista` ezatt qieghed wara dina d - decizjoni llegali, invalida u mulla u li ghandha tigi respinta ghal kull buon fin, minghajr pregudizzju ghad - danni kollha li jistghu jkunu dovuti lill - Appellanti ghal min ipperpetra dana l - abbuz.*

*13 . Illi dana l - komunikat minn Dr. Chris Cilia, fuq Letter Head tieghu, u bl-ikbar rispett lill - istess Dr Cilia, huwa nuqqas ta` rispett kbir lejn l - Appellanti billi decizjoni stramba, ingusta, abbuziva , u li kjarament kisret il - principji bazici ta` gustizzja naturali , kif ukoll marret kontra d - dettat tal - Kostituzzjoni ta` Malta u ta` Kapitlu 319 tal - Ligijiet ta` Malta, kif hawn fuq indikat, ghandha titqies u tigi kkunsiderata bhala wahda nulla u invalida, ineffettiva u mhux enforzabbili ghas - segwenti AGGRAVJI li issa sejrin jigu elenkati.*

*B. AGGRAVJI RIZULTANTI MINN DECIZJONI NULLA U INVALIDA*

*14. Illi l - EWWEL AGGRAVJU jirrigwarda r-realta` li ma tistax tigi michuda li `` s- Sentenza `` tal - Avukat Cilia apparentament ghan - nom tal - Appellata Awtorita` ghat - Trasport f` Malta , datata 15 ta` Novembru, 2022, u miktuba fuq Letter Head tal - istess Avukat, li hawn jidher li ha l - veste ta` Imhallef, hija nulla u invalida, ineffettiva u mhux enforzabili billi tikser u tinjora vjolentament il - principji fundamentalissimi tal - gustizzja naturali, u tmur kontra dak li huwa mnaqqax fil - Ligi Suprema ta` Malta, ossia l - Kostituzzjoni tar - Reppublika ta` Malta u l- Kapitlu 319 tal - Ligijiet ta` Malta, u cioe` dwar id - Drittijiet u Libertajiet Individwalment fundamentali tal - Individwu.*

*15. Dana ghaliex huwa ovvju li l - Principju tal - AUDI ALTERAM PARTEM u l - iehor daqstant fundamentalissimu li `` l - Gustizzja mhux biss trid issier, izda*

*tidher li qedha ssir `` huma totalment nieqsa bl - iktar mod flagranti f` dawna l - proceduri dilettanteski fejn ebda forma ta` procedura legali accettabili ma tidher li giet applikata, izda xi hadd kellu interess li jghamel vendikazzjoni lil u kontra l - Appellanti Salah Elbourawi forsi minhabba l - fatt li martu marret tikkoabita ma` ragel iehor u lil Salah qed jarawh zejjed mas - saqajn, kif qed jirrizulta ukoll mill - proceduri l - ohra pendenti quddiem il - Qrati tal - Gustizzja nostrana.*

*16. Illi, ghaldaqstant, dina ``s- sentenza ``ghandha tigi revokata bl-iktar mod assolut, u tigi mhassra qiesa qatt ma nkitbet, billi holqot abbuz u ngustizzja fir - rigward tal - Appellanti kif jirrizulta ovvju.*

*17. IT - TIENI AGGRAVJU : minghajr pregudizzju ghall - Ewwel Aggravju hawn fuq indikat, il - fatti kif impostati mill - Appellata Awtorita` ma jistax ikun fihom ebda kredibilita` ta` kompetenza u mparzjalita` billi id-decizjoni li kellhom jiehdu, ghamluha cara lill - Appellanti a priori li dina d-decizjoni diga` kienet ittiehdet, u dana irrispettivament x`kien sejjer jissottometti l - Appellanti, u oltre ma pproducew ebda dokument awtentikat u dokumentat dwar dak li tennew bhala l - bazi gustifikata tar - rifjut tat - tigdid tad - ``driver`s tag ``, prova mehtiega u essenzjali fl - inkwadratura tad - decizjoni serjissima li ttiehdet: dana kollu jindika bic - car li s-suspetti fondati tal - Appellanti jidher li ghandhom gheruq sodi u ghalhekk dana l - kaz ghandu jigi mistharreg u nvestigat, billi jigi mghoddi jekk ikun hemm bzonn lill - Awtoritajiet Investigativi, halli min qed jipprova jghamel il-hsara, jittiehdu l-passi mehtiega fil-konfront ta` dina jew dawna l - persuni, kif wara kollox titlob il-Gustizzja, il-Haqq u s- Sewwa!!*

*18. IT - TIELET AGGRAVJU : DANA L - KJAZ KOLLU u Decizjoni Abbuziva, Immatura u Vendikattiva gejja allegatament mill - fatt illi iktar minn ghoxrin sena ilu, l - Appellanti kien inqabad b`xi joint tal-cannabis sativa li llum hija perfettament legali f`pajjizna, sakemm tkun ghall-uzu personali u fi kwantita` legalment ikkontrollata. Nel frattempt, l - Appellanti li issa ilu cittadin Malti ghal snin twal qatt ma kellu incidenti mal - Ligi, ghadtilli qedghin jippruvaw ixelfuh mal - Ligi minn naha ta` martu li qedha tikkoabita ma` ragel iehor f`Bahar - ic- Caghaq u l- familjari taghha fostom missiera li ghandu familjari konessi mal - Korp tal - Pulizija: tnejn u tnejn suppost kulhadd jaf jghamilhom !!*

*19. Allura kif tigi issa l - Appellata Awtorita` wara dawna s-snin kollha u meta legalment issa l-cannabis sativa hija legali f` pajjizna kif ghadu kif gie deskritt, u meta l- Appellanti ilu snin shah jahdem ta` sewwieq bil-Bowsers mal - ENEMED ( fejn huwa ferm rispettat u mahbub ) , tohrog b`farza ta` akkuza bhal din u ma tridx igedded id - ``driver`s tag `` lill - Appellanti ghal ragunijiet li ma ghandhomx la bazi legali u anqas fattwali fis - sena 2022 ? Dana x`genn imberfel huwa jekk mhux instigat minn xi vendikazzjoni ?*

*20. Illi dawna kienu t- Tlett Aggravji li a bazi taghhom, wara li gew imfissra l - Fatti fil - Qosor, l - Appellanti sejjer jghamel it - Talbit tieghu skont il - Ligi.*

*C. Talbit tal - Appellanti SALAH ELBOURAWI, Cittadin Malti*

*21. Illi, ghaldaqstant, b`referenza ghad - Dokument hawn mehmuz SALAH 3 fl - intier tieghu , u cioe` l - Ittra rregistrata tal - Avukat Dottor Chris Cilia f`isem l - Awtorita` ghat - Trasport f` Malta, datata 15 ta` Novembru, 2022, debitament notifikata lill - Appellanti SALAH ELBOURAWI fir - residenza attwali u kurrenti tieghu fil - FGURA nhar l - Erbgha, 23 ta` Novembru, 2022, fid - 9.30 ta` filghodu, u bid - Decizjoni abbuziva, illegali , invalida u ineffettiva ghar - ragunijiet hawn mghotija f`dana l - Appell li qed jigi ntavolat odjernament, fl - ismijiet kif fuq premessi, f`jum it - Tnejn, 19 ta` Dicembru, 2022, fid - 9.30 ta` filghodu fir - Registru li jappartjeni lil dana t - Tribunal hawn imsemmi, partikularment it - Tielet , r - Rabgha u l - Hames Paragrafi taghha, l - Appellanti qieghed umilment u bir - rispett kollu jitlob lil dana t - Tribunal sabiex :*

*( a ) wara li jigi kkunsidrat il - kontenut kollu ta` dana l - Appell odjern, it - Tribunal jghaddi biex jidderegi, jiddikjara, jordna u jimponi illi :*

*( i ) id - decizjoni a priori tal - Awtorita` ghat - Trasport f` Malta fil - konfront tal - Appellanti SALAH ELBOURAWI hija ghal kollox nulla u invalida, ineffettiva u mhux enforzabbili minhabba li kisret il-principji fundamentalissimi tal - Ordinament Guridiku ta` kif jitmexxew proceduri legali, kif spjegat f` dana r - Rikors tal - Appell ;*

*( ii ) illi tali decizjoni ghandha tigi revokata ghal kollox, billi tithassar u minflok tigi mibdula b`decizjoni korretta li ssir skont il - ligi u procedura legali korretta, u cioe` li l - Appellanti ghandu jinghata smiegh xieraq biex iressaq il-kaz ghall - allegata Applikazzjoni tieghu, u fejn tali Applikazzjoni ghandha tintlaqa` billi huwa gust u xieraq li hekk isier fl - inkwadratura u l - fatti li jirrizultaw u qedghin jirrizultaw , mehud in konsiderazzjoni l - ligi attwali u in vigore f`Malta relatata mal - kwantita` kontrollata ghal kull individwu tat- tehid tal - cannabis f`pajjizna ghall - uzu rikrejattiv, haga li forsi l - Awtorita` Appellata ma kienitx intiza fiha .*

*( b ) jghati dawk id - direttivi, provedimenti, ordnijiet, struzzjonijiet jew kjarifikazzjonijiet li jidhirlu xieraq u gust li jghati u jimponi fic - cirkustanzi halli abbuzi bhal dawk li wettqet l - Awtorita` ghat - Trasport f` Malta f`dana l - kaz tal - Appellanti jiddezistu mill - ewwel u ma jibqghux isieru especjalment fl - inkwadratura legali u fattwali li ccirkundaw dana l - kaz abbuziv u ngust ta` Salah Elbourawi.*

*( c )  jordna   illi kwalsiasi spejjez u drittijiet , gudizjarji u extra gudizjarji , ghandhom jigu mhalsa mill - Awtorita` ghat - Trasport f` Malta ta` Land Transport Directorate.*

*22. Tant ghandu x`jisottometti l - Appellanti SALAH ELBURAWI ghas - savju gudizzju ta` dana t - Tribunal li quddiemu qed jigi nterpost dana l - Appell  minn decizjoni li ma tghamilx sens la legali, u anqas fattwali mill - Awtorita` Appellata.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fil-21 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha eċċepiet *ad litteram* is-segwenti:

1. *Illi l-appell interpost għandu jigi michud bl-ispejjez stante illi d-decizjoni tal-Awtorita hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi u dan in vista tal-fatt li, għar-raġunijiet estensivament spjegati fl-ittra datata 15 ta' Novembru, 2022 mibgħuta mis-sottofirmat għan-nom tal-istess Awtorita' (kif kjarament indikat fl-imsemmija ittra) l-appellant ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.*

2. *Illi fir-rigward tal-lanjanzi mqajma li huma ta' natura kostituzzjonali, l-Awtorita' rispondenti tirrferi għal ġurisprudenza kostanti ta' dan l-Onorabbli Tribunal fejn ġie enunċjat illi dawn ma jirrientrawx fil-parametri tal-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal.*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent intavola dan l-appell wara applikazzjoni li huwa ressaq mal-Awtorita` intimata sabiex jiġġeddidlu l-permess ta' xufier ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta'  Vetturi) u dana għaliex skont l-istess Awtorita`, ir-rikorrent ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tal-istess Regolamenti.

Illi r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 jelenka numru ta' ċirkostanzi li jiskwalifikaw lil persuna milli titqies bħala li hija ta' reputazzjoni u kondotta tajba, u ċioe`:

*9.    (1)  Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher -*

*(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*
*(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;*
*(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;*
*(iv) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15,* ***15A,***[1] *16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e), (f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;*
*(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1);*

*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1) li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) tliet (3) xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn (2);*

*(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għaliha persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn (2):*

*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax (18)-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafu (ċ) ma għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn (2).*

*(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" ma għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probationtal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija*

---
[1] Enfasi tat-Tribunal

*taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*

*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta'Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*

*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew(d sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet (3) snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet (3) snin.*

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrent kien għadda proċeduri kriminali wara li fit-28 ta' April 1999 kien inqabad fis-*Sea Port* b'biċċa raża tal-kannabis ġewwa pakkett tas-sigaretti wara li ġie mil-Libja. Huwa kien ammetta għar-reat ta' importazzjoni u għar-reat ta' pussess tar-raża tal-kannabis u kien ġie kkundannat Lm300.[2]

Illi kif inhu risaput, illum il-ġurnata l-pussess ta' ċertu ammont ta' kannabis għall-użu personali huwa legali. Pero` jirriżulta li l-Awtorita` intimata sabet oġġezzjoni li ġġedded it-*tag* ta' xufier tar-rikorrent mhux abbażi tar-reat ta' pussess, iżda abbażi tar-reat ta' importazzjoni. Kienet kemm kienet żgħira id-doża tar-raża tal-kannabis, jibqa' l-fatt li r-rikorrent, kif ammetta, importaha ġewwa Malta illegalment u kwindi bi ksur tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 15 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorita kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu għal tiġdid ta' permess ta' xufier stante li ma jsodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi). Illi mill-istess deċiżjoni jirriżulta li r-raġuni wara dan ir-rifjut kienet sentenza li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent fit-30 ta' Settembru 2002.

Illi d-deċiżjoni appellata mibgħuta mill-Avukat Dr. Chris Cilia għan-nom tal-Awtorita` intimata kienet tgħid hekk:

*Nikteb għan-nom tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ta' Land Transport Directorate, A3 Towers, Triq I-Arkata, Raħal Ġdid.*

---

[2] Sentenza a fol. 107

*Issir riferenza għall-ittra preċedenti tal-Awtorità datata 31 t'Ottubru, 2022 u għall-ittra tal-konsulent legali tiegħek tad-9 ta' Novembru, 2022.*

*Ngħarrfek illi r-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-konsulent legali tiegħek mhux qed jiġu milqugħa u I-Awtorità qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta I-applikazzjoni minnek sottomessa għat-tiġdid ta' driver's tag skont il-LeġisIazzjoni Sussidjarja 499.68.*

*Dan għaliex skont il-fedina penali tiegħek (li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa), b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2002 inti kont ġejt misjub ħati li importajt f'Malta r-raża tal-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 15(a) taI-Kap. 101 taI-Liġijiet ta' Malta u kellek fil-pussess tiegħek I-istess raża bi ksur tal-artikolu 8(a) taI-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għalhekk dawn mhumiex qlajjiet ivvintati minn xi ħadd, kif imtenni mill-konsulent legali tiegħek, iżda fatti ċari, oġġettivi u inkonfutabbli li joħorġu mill-fedina penali tiegħek, u cioe' minn dokument uffiċjali maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Konsegwentement inti ma tissodisfax il-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba kif stabbilit fl-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.*

*Naturalment I-argumenti I-oħra miġjuba mill-konsulent legali tiegħek dwar kemm ilek tgħix f'Malta, kemm għandek tfal u kemm titkellem tajjeb bil-Malti huma għalkollox irrelevanti.*

*Ngħarrfek bid-dritt tiegħek li tappella mid-deċiżjoni finali tal-Awtorità kif imfissra f'din I-ittra permezz ta' rikors t'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha tiġi notifikat b'din I-ittra li qed tintbagħat bil-posta reġistrata.*

Illi l-aggravji mressqa mir-rikorrent fil-konfront ta' din id-deċiżjoni huma molteplici.

Fir-rikors promotur huwa jsostni li l-ittra interpellatorja fejn l-Awtorita` intimata uriet il-ħsieb tagħha li tirrifjutalu t-tiġdid tal-permess ta' xufier hija nulla u invalida għaliex ir-rikorrenti kien diġa` kkundannat bla ma l-istess Awtorita` tagħtu dritt iwieġeb għall-fatti jew l-akkużi fil-konfront tiegħu, u kwindi bi ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem*. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni għaliex l-Awtorita`, proprju permezz tal-ittra interpellatorja, uriet lir-rikorrent bil-ħsibijiet li kellha u tagħtu opportunita` biex jagħti l-verżjoni tiegħu, ħaġa li huwa għamel. Kwindi, l-Awtorita` tat il-possibilita` lir-rikorrent isemma' leħnu qabel ittieħdet id-deċiżjoni aħħarija.

Illi r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt illi r-raġuni li l-Awtorita` intimata tat għaċ-ċaħda tat-tiġdid tal-permess ta' xufier kienet sentenza li ngħatat fl-2002, u ċioe` għoxrin (20) sena qabel. Iktar minn hekk jilmenta li din id-deċiżjoni ttieħdet *in mala fede* u b'abbuż tal-liġi stante li ilu jaħdem bħala xufier mal-Kumpanija Enemed għal diversi snin. Huwa jisħaq li ċ-ċaħda tat-tiġdid ġiet

instigata minn motivi ulterjuri u jabbina dawn il-motivi ma' problemi li għandu ma' martu. Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza li r-rikorrent ilu jaħdem xi seba' snin mal-Kumpanija Enemed bħala xufier, u wkoll xufier ma' diversi Kumpaniji oħra qabel, u qatt ma rriżulta xejn negattiv dwaru fil-ħajja lavorattiva tiegħu, ma jistax jinjora dak li tgħid il-liġi u li torbot idejn l-Awtorita` intimata meta tiġi għat-tiġdid tal-permess ta' xufier. Jirriżulta li l-permess li kellu r-rikorrent kien skada diversi snin qabel u għalhekk meta applika għat-tiġdid, l-Awtorita` intimata kisbet il-fedina penali tiegħu u rriskontrat li r-reat li nstab ħati tiegħu huwa wieħed minn dawk elenkati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 u li jirrendi lir-rikorrenti bħala persuna li ma tistax titqies ta' reputazzjoni u kondotta tajba.

Illi għaldaqstant, filwaqt li dan it-Tribunal japprezza li r-reat imwettaq mir-rikorrent seħħ diversi snin ilu, huwa jinsab b'idejh marbuta, kif *del resto*, hija b'idejha marbuta l-Awtorita` intimata milli b'xi mod tiddeċiedi t-talba tar-rikorrenti b'mod soġġettiv. It-Tribunal, kif trid ukoll tagħmel l-Awtorita` intimata, irid jinterpreta l-liġi kif inhi anke jekk ir-rikorrent huwa tal-fehma illi l-istess liġi qed toħloq inġustizzja miegħu. Ċertament dan mhux il-forum idoneu sabiex tiġi attakata xi liġi. Sakemm il-liġi tibqa' kif inhi, dan it-Tribunal ma jistax jagħti xi interpretazzjoni differenti minn dik mogħtija fid-deċiżjoni appellata.

Għaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jifhem u japprezza l-aggravju tat-trapass taż-żmien minn meta seħħ ir-reat, ma jqisx illi r-rikorrent għandu raġun fl-aggravji tiegħu. Lanqas it-Tribunal ma rrisikontra xi *mala fede* jew motivi ulterjuri wara d-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq elenkati, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u jikkonferma d-deċiżjoni appellata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**